MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 1691/1996/1

**Antoine sive Anthony Mary Bajada**
**vs**
**Mediterranean Cement Limited**

Il-Qorti,

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab: Billi b' kuntratt datat 11 ta' Marzu 1994 in atti Nutar Angelo Vella s-Socjeta' konvenuta kkoncediet inter alia b'titolu ta' kommodat lill-attur iz-zewg imhazen enumerati 51 u 52 Coal Wharf, Marsa;

Billi f'dawn l-imhazen l-attur immagazzina partita faham;

Billi skond il-pattijiet tal-kuntratt precitat is-Socjeta' konvenuta kellha taghmel xi xogholijiet relativament ghal dawn l-imhazen;

Billi fil-kors ta’ parti minn dawn ix-xogholijiet l-imsemmija Socjeta’ konvenuta waqqghat xi soqfa, minghajr preavviz lill-attur, u kkagunat hsara fil-faham magazzinat fihom billi dan gie kontaminat;

Billi l-istanti pprotesta ruhu mas-Socjeta’ konvenuta ghal din il-hsara u nonostante li interpellaha taddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni din baqghat inadempjenti;

Tghid ghalhekk l-istess Socjeta konvenuta ghaliex m’ghandhiex dina l-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-Socjeta konvenuta hi fi htija ghall-hsara kagonata fil-partita faham, proprieta’ tal-attur, li kienet magazzinata fl-imhazen Numri 51 u 52 Coal Wharf, Marsa;
2. Tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur kif fuq inghad;
3. Tikkundanna lis-Socjeta’ konvenuta thallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni;

Bl-interess u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-protest gudizjarju tal-31 ta’ Awissu 1995 u tal-ittri legali tas-7 ta’ Awissu 1995, 18 ta’ Settembru 1995, 5 ta’ Ottubru 1995, u 19 ta’ Ottubru 1995 kontra s-Socjeta’ konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta li biha eccepiet: Illi it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur stante li kontra dak allegat mill-attur fic-citazzjoni, is-socjeta’ konvenuta ma kkagunatx l-ebda hsara fil-faham proprieta’ tal-attur.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;

Rat l-verbal registrat fl-udjenza tal-20 ta’ Mejju 2003 li permezz tieghu d-difensur tas-socjeta’ konvenuta informa l-Qorti “li t-transazzjoni sehhet billi s-socjeta’ konvenuta hallset lill-atturi l-ammont likwidat mill-periti gudizzjarji u l-ispejjez gudizzjarji” [Fol.111];

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tat-28 ta’ Novembru 2003 li permezz tieghu d-difensur tal-attur ddikjara li “filwaqt li jaqbel li t-tieni u t-tielet talba gew saldati bil-hlas tad-danni likwidati fir-rapport peritali, tiddikjara li ghad ghandha interess li jkollha decizjoni fuq l-ewwel talba dwar ir-responsabilita’ in bazi tar-rapport in kwantu preordinata ghal pretensjonijiet dwar danni ohra rizultanti mill-istess incidenti li ma kienux dedotti f’ din ic-citazzjoni.” [Fol.114]

Rat l-atti kollha;
Rat ir-relazzjoni tal-Periti Teknici debitament mahlufa fil-11 ta’ Dicembru 2001[Fol.29];
Semghet provi bil-gurament;

Ikkunsidrat:

Illi in succint il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti. Illi s-socjeta’ konvenuta kienet kkoncediet b’ titolu ta’ kommodat lill-attur zewg imhazen enumerati 51 u 52 sitwati go Coal Wharf Marsa u li fihom l-attur immagazzina partita faham. Illi waqt li s-socjeta’ konvenuta kienet qeda taghmel xogholijiet f’ dawn l-imhazen giet kaggjunata hsara fil-faham magazzinat fihom.

Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qieghed jitlob dikjarazzjoni minn din il-Qorti li “s-socjeta’ konvenuta hi fi htija ghall-hsara kaggjonata fil-partita faham proprjeta’ tal-attur li kienet maggazzinata fl-imhazen [fuq indikati]”; kif ukoll li din il-Qorti tillikwida d-danni sofferti minnu u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas dawn id-danni, flimkien mal-imghax u l-ispejjez.

Illi fir-relazzjoni taghhom mahlufa minnhom fil-11 ta’ Dicembru 2002 il-Periti Teknici kkonkludew li l-ewwel talba attrici ghandha tigi milqugha, u llikwidaw id-danni konsegwenzjali fl-ammont ta’ Lm2,775.13.

Illi f’ ittra sussegwenti datata 1 ta’ Awissu 2002 is-socjeta’ tal-konvenuta tramite d-difensur taghha baghat cheque ta’ Lm2,775.13 lid-difensur tal-attur “per saldo tas-sorte, kif

likwidata mill-Periti Teknici” u cheque iehor ta’ Lm869.00 rapprezentanti spejjez gudizzjarji – dan kollu per saldo tal-pretensjonijiet kollha tal-klijent tieghu [l-attur] fil-konfront tal-klijenti tieghu [konvenuta] kif minnu dedotti fic-citazzjoni fuq indikata” [Fol.116].

Illi d-difensur tal-attur rrisponda ghal din l-ittra hekk: “Nikkonferma li rcevejt ic-cekkijiet li baghatli mal-ittra tal-1 ta’ Awissu 2002 riferibilment ghall-kawza fl-ismijiet premessi”.[Fol.117].

Illi l-konvenuti qed isostnu li, in vista tal-pagament maghmul lill-attur u l-ittri fuq indikati, u giala darba d-dikjarazzjoni dwar responsabilita’ hija intiza ghall-legitimazzjoni ta’ danni li ma humiex dedotti fic-citazzjoni odjerna, allura t-talba tal-attur ghal-dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ da parti tas-socejta’ konvenuta hija guridikament infondata u din l-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni aktar tal-kawza.

Illi bazikament il-kwistjoni tirrisolvi ruhha dwar jekk, galadarba id-danni likwidati mill-Periti Teknici gew mhallas flimkien mal-ispejjez, u giala darba il-pagamenti saru “per saldo tal-pretensjonijiet kollha” tal-attur, jekk l-attur ghandhux dritt jinsisti fuq l-ewwel talba u jottjeni dikjarazzjoni ta’ responsabilita’ fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta.

Illi in tema legali jigi osservat li t-transazzjoni huwa kuntratt bilaterali li permezz tieghu “il-partijiet b’ xi haga li jaghtu, iwieghdu jew izommu, jaghtu tmiem ghal kawza mibdija jew jevitaw kawza li tkun ser issir”[Art.1718]. Inoltre, ghal validita’ taghha jehtieg jew l-att pubbliku jew skrittura privata li tkun ffirmata mill-partijiet kollha [Art.1233[1][d][2] Kap.16]. Illi meta jkun hemm transazzjoni valida ma hemmx spazju ghal sentenza specjalment ghaliex dik it-transazzjoni eskludiet is-sentenza.[1]

[1] App.Civ. [1994] Vol.78

Illi fil-kaz in disamina l-Qorti tosserva li t-transazzjoni allegata mid-difensur tas-socjeta' konvenuta fl-udjenza tat-20 ta' Mejju 2003 ma tikkwalifikax ghal transazzjoni valida fil-ligi, stante li ma saritx bil-miktub u ffirmata mill-partijiet kollha; lanqas saret b' verbal registrat fil-Qorti mill-partijiet kollha, izda dak li sehh bejn il-partijiet kienu zewg ittri skambjati bejniethom: permezz ta' wahda, il-konvenuta baghtet l-ammont tad-danni likwidat mill-perit u l-ispejjez gudizzjarji lill-attur ghas-saldu tal-pretensjonijiet tieghu, filwaqt li bl-ittra l-ohra l-attur kkonferma li rceva l-assenji; u fil-verbal tas-19 ta' Novembru 2003 rregistra li accetta l-pagament, izda zamm ferm il-kwistjoni tar-responsabilita' u talab decizjoni in propositu.

Mill-premess jirrizulta car li, filwaqt li l-konvenut ried itemm il-kawza bil-hlas tad-danni likwidati u tal-ispejjez gudizzjarji, tant li fl-ittra tieghu talab "ricevuta per saldo" u li l-attur icedi l-kawza; minn naha tieghu l-konvenut illimita ruhu li jikkonferma li rceva l-assenji, u la baghat ricevuta "per saldo" u lanqas irid icedi l-kawza in kwantu ghall-ewwel talba.

In vista tal-premess il-Qorti hija tal-fehma li f' dawn ic-cirkostanzi ma jistax jitqies li sehhet transazzjoni vera u proprio kif titlob il-ligi u fil-forma rikjesta mill-ligi; u ghalhekk bil-hlas tad-danni u spejjez, dak li fil-fatt sar kien li gew esawriti t-tieni u t-tielet talba stante li bl-accettazzjoni tal-hlas l-attur tilef l-interess guridiku f' dawn it-talbiet, izda mhux ghal-ewwel talba li titratta dwar ir-responsabilita'.

Illi in kwantu ghas-sottomissjoni tal-konvenuta li t-talba tal-attur hija guridikament infondata ghax "l-attur qed jippretendi dikjarazzjoni ta' responsabilita' in konessjoni mal-legittimazzjoni ta' danni li m' humiex dedotti fic-citazzjoni odjerna", il-Qorti tikkonsidera opportuni s-segwenti osservazzjonijiet guridici:

Illi l-interess guridiku jikkonsisti f' *la utilita' finale della domanda giudiziale sul tema dell-asserita esistenza e violazione di diritto [Mortara – Vol.LXXV.II.386].* Kull utilita' jew vantagg purche' jkunu civilment apprezzabbli

jissodisfaw dan l-element mehtieg ghall-istituzzjoni u kontinwazzjoni ta' proceduri gudizzjarji, u ghalhekk anke talba ghal semplici dikjarazzjoni ta' dritt hija sufficjenti, u huwa rrilevanti li din id-dikjarazzjoni ser isservi sabiex jigu emforzati drittijet fi proceduri separatati; ghax kif osservat l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *Salvino Busuttil vs Agostino Baldacchino [1997 – vol.LXXXI.II.670]* huwa principju ta' dritt fil-procedura civili illi fejn hemm possibilita' li azzjoni dikjaratorja tigi segwita b' azzjoni ohra, [f' dak il-kaz ghar-risarciment tad-danni] hemm interess guridiku bizzejjex biex tista' tigi esercitata l-azzjoni.

Mill-premess ghandu jirrizulta car li l-fatt li l-attur qed jinsisti ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita' da parti tal-konvenuti sabiex jaghmel uzu minnha fi proceduri separati hija legalment ammissibbli; u l-oggezzjoni tas-socjeta' konvenuta hija legalment insostenibbli.

Illi fil-meritu l-Qorti tosserva li l-ewwel talba attrici tinsab sufficjentement sostnuta mill-provi u ghandha tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi, previa rigett tal-eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta, u previa l-addozzjoni tar-rapport peritali, tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-istess socjeta' hi fi htija ghall-hsara kagjonata fil-partita faham proprjeta' tal-attur li kienet magazzinata fl-imhazen numri 51 u 52 Coal Wharf, Marsa; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u tat-tielet talba stante li dawn gew ezawriti bil-hlas tad-danni. Bl-ispejjez a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------